

Brussell, 21 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0108(COD)

10482/23
ADD 1 REV 1

CODEC 1093
CYBER 156
JAI 830
COPEN 205
ENFOPOL 292
TELECOM 195
EJUSTICE 25
MI 511
DATAPROTECT 164

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja tesprimi l-appoġġ sħiħ tagħha għall-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali (ir-"Regolament").

Ir-Repubblika tal-Kroazja ilha kontinwament tesprimi l-iskuntentizza tagħha bil-verżjoni lingwistika Kroata tal-proposti leġiżlattivi li jużaw ekwivalenti partikolari tat-terminu Ingliż "cyber" u d-derivattivi tiegħu fil-verżjonijiet lingwistiċi Kroati tal-atti legali¹. Wara konsultazzjonijiet intensivi, f'Mejju 2023 intlaħaq ftehim dwar il-kwistjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li japplika fl-atti legali l-ġodda kollha tal-Kunsill li d-DQL jirċievi għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, mill-1 ta' Ġunju 2023, fir-rigward ta' atti legali li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill.

Il-Kroazja stenniet li dan il-ftehim jiġi rifless fil-verżjoni lingwistika Kroata ta' dan ir-Regolament meta titqies l-importanza ta' dan ir-Regolament bħala att legali bażiku fil-qasam tal-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali, u għalhekk bħala pass 'il quddiem lejn l-armonizzazzjoni tat-terminoloġija rispettiva. Sfortunatament, dan ma jidhrix li huwa l-każ u dik l-opportunità ntilfet.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tilqa' bi pjaċir l-adozzjoni ta' dan l-istrument leġiżlattiv, sabiex il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jikkonċernaw il-ġbir tal-evidenza jiġu adattati għall-era diġitali, speċjalment meta d-data rilevanti tinħażen f'pajjiżi terzi.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija hija impenjata bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-kriminalità u tilqa' bi pjaċir strument effettiv li jippromwovi l-ġustizzja kriminali u fl-istess ħin josserva l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, kwalunkwe referenza fir-Regolament għall-Artikolu 7 TUE nqisuha inaċċettabbli, anki fil-premessa. Ir-referenza għall-Artikolu 7 TUE ma kinitx parti mill-approċċ ġenerali adottat mill-Kunsill, ġiet introdotta biss fuq talba tal-PE u aħna nqisu li l-inklużjoni tagħha hija ta' detriment għall-effettività tal-miżura l-ġdida kif ukoll għall-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u rikonoxximent reċiproku, li fuqhom hija bbażata. Għaldaqstant, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament.

¹ L-ekwivalenti użat fil-leġiżlazzjoni Kroata huwa "kibernetički" filwaqt li t-terminu użat fir-Regolament huwa "kiber-".

Dikjarazzjoni mill-Finlandja

Il-Finlandja tirrikonoxxi n-natura li qed tinbidel tal-kriminalità u l-importanza dejjem akbar tal-kooperazzjoni transfruntiera biex l-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali tinkiseb malajr u b'mod effettiv.

Matul in-negozjati, il-Finlandja ssottolinjat b'mod konsistenti l-ħtieġa li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-infurzar effettiv tal-liġi u l-investigazzjoni kriminali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Minn din il-perspettiva, il-mekkaniżmu ta' notifika u l-ambitu tiegħu kif ukoll ir-raġunijiet għal rifjut huma ta' importanza partikolari. Filwaqt li t-test ġie mtejjeb matul in-negozjati, aħna nqisu li l-mekkaniżmu għadu mhux adegwat. Nemmnju li fir-rigward tal-ordnijiet ta' produzzjoni għall-aktar data sensittiva, il-valutazzjoni ġudizzjarja għandha ssir ukoll mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat tal-infurzar.

Barra minn hekk, il-Finlandja jiddispjaċiha li r-raġunijiet għal rifjut ma jinkludux raġuni li tippermetti lill-awtorità tal-infurzar tirrifjuta ordni ta' produzzjoni għal data dwar it-traffiku u l-kontenut f'każijiet fejn l-użu ta' tali miżura jkun ristrett skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar għal ċerti reati jew għal reati punibbli meta jaqbżu ċertu livell minimu.
